# L-EŻEMPJU TAL-OMM

Kien hekk li bint, li issa kibret, tkellmet fuq ommha, li issa hija mdaħħla fiż-żmien:

*Ma, meta inti ħsibt li jien ma kontx qed nagħti kas, qgħadt narak twaħħal mal-friġġ il-pittura bil-crayons li jien kont għamilt l-iskola; u hekk għamiltli l-kuraġġ biex inkompli npinġi.*



*Meta ħsibt li ma kontx qed narak, rajtek tagħti xi ħaġa tal-ikel lill-qattus bil-ġuħ; u hekk tgħallimt nirrispetta l-annimali.*

*Meta ma ridtx niekol minn dak li ħejjejt għall-ikel, qgħadt nosservak tagħmilli xi ħaġa oħra; tgħallimt li l-azzjonijiet iż-żgħar juru l-imħabba kbira.*

*Meta ħsibt li jien m'iniex narak, rajtek tlissen talba minn qalbek; u hekk jien ukoll bdejt nemmen u nafda f'Alla l-Missier.*

*Meta int ħsibt li jien kont rieqda ħassejtek tbusni fuq moħħi u għaraft li tħobbni tassew.*

*Meta int ħsibt li ma kontx qed narak, rajtek tibki bikja u għaraft li fil-ħajja mhux kollox ward u żahar.*

*Meta int ħsibt li jien ma ntbaħtx, jien indunajt li fiż-żgħożija kont qed ninkwetak u għalhekk iddeċidejt li nibda nirrispettak iktar minn qabel.*

L-iktar ħaġa importanti għat-tfal hija li jkunu jafu li ommhom tħobbhom. Fejn hemm mara li taf tħobb u omm li tgħin bl-imħabba, hemm ambjent hieni. Ikun hemm il-paċi t'Alla.

***L-Arċipriet***

**Fourth Sunday of Easter (Year C) - Good Shepherd Sunday**
Jn 10:14

**ENGLISH CORNER**

R. Alleluia, alleluia.
I am the good sheperd, says the Lord;
I know my sheep, and mine know me.
R. Alleluia, alleluia.

You meet so many women in your life but no one can replace your Mother! You mean the world to her, she loves you unconditionally, her voice soothes you and comforts you and your mother's love is everlasting! Cherish your mother's love. Happy Mother's Day to all you women out there!

## AVVIŻI:

**IL-ĦADD 8 TA' MEJJU:**

- **JUM IL-VOKAZZJONIJIET -** f'xi quddies tal-Ħadd filgħodu, se jkollna magħna lil Patri Jethro Bajada li huwa Kapuċċin. Patri Jethro se jagħmel ħsieb dwar il-vokazzjoni għall-ħajja reliġjuża.
- **JUM L-OMM -** ejjew ilkoll nagħmlu xi azzjoni sempliċi u fl-istess ħin profonda biex nuru l-imħabba tagħna għall-ommijiet kollha ħajjin u mejtin.

**QUDDIESA SAN ĠORĠ PRECA:** nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju, il-membri tal-MUSEUM qed jorganizzaw il-quddiesa tas-7:00pm. It-tfal, l-adolexxenti, iż-żgħażagħ, il-ġenituri u l-benefatturi huma mħeġġa jattendu għal din il-quddiesa ad unur ta' dan l-ewwel qaddis Malti li permezz tal-opra tiegħu għadna ngawdu l-ġid tal-formazzjoni Nisranija. Inkomplu nitħeġġu għall-importanza tal-attendenza fl-oqsma tal-Museum.

**RUŻARJU FIL-BERAĦ**: il-Ġimgħa 13 ta' Mejju jmiss it-tieni jum li fih se tingħad it-talba tar-Rużarju f'żoni differenti tar-raħal. Niltaqgħu fi Triq iż-Żerniq li tmiss ma' Triq Sant Indrija, fis-6:00pm.

**L-GĦAQDA TAN-NAR 29 TA' ĠUNJU:** tixtieq tavża li nhar is-Sibt 7 ta' Mejju, se ssir l-aħħar ġabra tan-nar tal-festa ta' San Pietru u San Pawl.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** javża li nhar il-Ħamis 12 ta' Mejju se jorganizza high tea kbir fil-Każin tal-Banda. Jibda fis-7:00pm. Trasport provdut minn kullimkien.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 19 ta' Mejju se tagħmel żjara lill-Madonna ta' Pinu. Wara jkun hemm ħin għall-kafè Ta' Dbieġi, Tluq minn ħdejn iċ-Ċentru fid-9:30am. Ċemplu lil Tonina fuq 21553041 / 79923153.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am